



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0068(COD)

8148/24
ADD 5

SOC 231
EMPL 133
ECOFIN 353
EDUC 99
JEUN 64
CODEC 885
IA 93

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2024) 68 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u dwar il-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjeg li taparsi jkunu traineeships Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità rinforzat għat-Traineeships u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2024) 68 final.

Mehmuż: SWD(2024) 68 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.3.2024
SWD(2024) 68 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[...]

Li jakkumpanja d-dokumenti

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u dwar il-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità rinforzat għat-Traineeships u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships

{COM(2024) 132 final} - {COM(2024) 133 final} - {SEC(2024) 97 final} -
{SWD(2024) 66 final} - {SWD(2024) 67 final}

A. Il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE

X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Hemm 3.1 miljun trainee fl-UE, u d-domanda għat-traineeships hija mistennija tikber. Traineeships ta' kwalità jistgħu jipprovdu aċċess għas-suq tax-xogħol. Madankollu, **jeżistu l-isfidi** minkejja t-titjib li għabt magħha [r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships](#) tal-2014 (QFT tal-2014).

L-ewwel sfida hija relatata mal-użu **problematiku tat-traineeships** mill-fornituri tat-traineeships, jiġifieri prattiki illegali fejn ir-relazzjonijiet regolari tax-xogħol taparsi jkunu traineeships jew fejn it-traineeships ma jikkonformawx mal-liġi. Persuni fi traineeships illegali huma mċaħħda mid-drittijiet rilevanti tagħhom minnquxa fil-liġi tal-UE, il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi. It-tieni sfida hija l-eżistenza ta' traineeships ta' **kwalità baxxa**, mingħajr remunerazzjoni jew b' remunerazzjoni baxxa b'mod li ma jistax jiġi ġustifikat, mingħajr aċċess għall-protezzjoni soċjali u/jew komponent ta' tagħlim inferjuri, għalkemm jistgħu jkunu legali. It-tielet sfida hija relatata ma' **aċċess mhux ugwali** minħabba ostakli li jiffaċċjaw il-gruppi vulnerabbli, ostakli għal traineeships transfruntiera u sfidi għal traineeships mill-bogħod/ibridi.

Dawn il-problemi jaffettwaw b'mod negattiv it-tranżizzjoni tal-persuni u ż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, iċaħħdu lil xi wħud minnhom mid-drittijiet tax-xogħol li huma intitolati għalihom u jżidu r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Joħolqu wkoll kompetizzjoni inġusta fis-suq, jistgħu jipperpetwaw l-ispariġġ fil-ħiliet u jxekklu l-kompetittività tal-UE.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-oġġettiv ġenerali tagħha huwa li ttejjeb l-użu u l-kwalità tat-traineeships madwar l-UE u l-aċċess għalihom, sabiex jipprovdu esperjenza ġenwina ta' tagħlim u ta' xogħol li tiffaċilita t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u minn impjieg għal ieħor. B'mod speċifiku, għandha l-għan li ssaħħaħ l-infurzar tal-leġiżlazzjoni applikabbli u tappoġġa lit-trainees fl-aċċess għad-drittijiet tax-xogħol tagħhom, tipprevjeni l-użu problematiku tat-traineeships, tappoġġa kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti (inkluż ir-remunerazzjoni u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali), ittejjeb il-komponent tat-tagħlim tat-traineeships, u l-aċċess għall-oportunitajiet ta' traineeships.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

L-inizjattiva tal-UE se tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tat-Trattat li jippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-progress soċjali sostenibbli. Din għandha tiskatta konverġenza soċjali 'l fuq u ssaħħaħ il-koerenza tas-Suq Uniku, billi tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi, l-infurzar tar-regoli applikabbli u livell konsistenti u ġust ta' protezzjoni tat-trainees fl-UE. Se tkabbar ukoll ir-riżerva ta' ħaddiema (futuri) b'ħiliet rilevanti, li jikkontribwixxu għall-kompetittività tan-negozju u l-inklużjoni soċjali.

B. Għażliet ta' politika

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta? Għaliex?

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat erba' oqsma ta' politika li jindirizzaw: l-użi problematiċi ta' (A), il-kwalità fqira ta' (B) u l-aċċess inugwali għat-traineeships (C), u l-lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni (D). Dawn l-għażliet ta' politika ntgħażlu minħabba l-ogħla punteġġi pożittivi

tagħhom f'termini ta' effettività, effiċjenza, koerenza u proporzjonalità, meta mqabbla mal-linja bażi.

Taħt il-**Qasam ta' Politika A**, l-għażla ppreferuta teħtieġ kontrolli u spezzjonijiet effettivi biex jiġu identifikati t-traineeships mhux konformi u r-relazzjonijiet tax-xogħol li taparsi jkunu traineeships u tittieħed azzjoni ta' infurzar kontribom, appoġġati minn lista mhux eżawrjenti ta' elementi definiti fil-livell tal-UE. Din tinkludi miżuri li jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni tagħhom u miżuri ta' appoġġ iddedikati biex it-trainees jinfurzwaw id-drittijiet tagħhom.

Taħt il-**Qasam ta' Politika B**, din tiżgura li t-trainees li huma ħaddiema ma jiġux trattati b'mod inqas favorevoli fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga, minn ħaddiema komparabbli fil-livell tad-dħul, sakemm ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi. *Inter alia*, dan jipprovdri rakkomandazzjonijiet dwar remunerazzjoni ġusta/proporzjonata, aċċess għall-protezzjoni soċjali u mentoraġġ għat-trainees kollha u biex tiġi estiża l-informazzjoni pprovduta permezz ta' ftehimiet ta' traineeship bil-miktub.

Taħt il-**Qasam ta' Politika C** dan jinkludi rakkomandazzjonijiet biex 1) jiġi żgurat aċċess ugwali għal traineeships għal gruppi vulnerabbli, 2) jiġu ffaċilitati t-traineeships transfruntiera u 3) jittejbu t-traineeships mill-bogħod/ibridi. Taħt il-**Qasam ta' Politika D** dan jestendi l-kamp ta' applikazzjoni għat-traineeships kollha.

L-għażla ppreferuta hija pakkett ta' **Direttiva** li tapplika għat-trainees li huma ħaddiema skont il-liġi tal-UE u **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill aġġornata** li tkopri t-trainees kollha.

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-għażla ppreferuta tirrifletti l-prijoritajiet tar-[Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2023](#) skont l-Artikolu 225 tat-TFUE li talbet lill-Kummissjoni taġġorna u ssaħħaħ il-QFT tal-2014 u tibdlu fi strument leġiżlattiv aktar b'saħħtu. Twieġeb ukoll għal rakkomandazzjoni mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-pożizzjonijiet tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Madankollu, minħabba kunsiderazzjonijiet dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-legalità, l-għażla ppreferuta f'diversi oqsma ma tinkludix il-miżuri legalment vinkolanti mitluba minn dawn il-partijiet ikkonċernati. L-impjegaturi jaqblu mal-oġġettiv ġenerali u l-biċċa l-kbira tal-għażliet ta' politika taħt l-għażla ppreferuta iżda huma kontra miżura legalment vinkolanti u jitekllmu favur azzjoni mhux leġiżlattiva.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

Din se ġġib **benefiċċji soċjali lit-trainees** billi tnaqqas it-traineeships problematiċi u ta' kwalità baxxa. Se tirriżulta wkoll f'inqas trainees li jagħmlu traineeships b'tul eċċessiv, inkluż traineeships ripetuti/konsekuttivi mal-istess impjegatur. It-trainees jibbenefikaw ukoll minn remunerazzjoni aktar ġusta, aktar aċċess għall-protezzjoni soċjali u opportunitajiet ta' taġġlim aħjar. Skont l-implimentazzjoni, dan jista' potenzjalment jaffettwa sa 1,5 miljun trainee mhux imħallas u 300 000 trainee mħallas mingħajr aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa. It-trainees meqjusa bħala ħaddiema se jibbenefikaw minn trattament ugwali ma' ħaddiema oħra/fil-livell ta' dħul fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. L-għażla ppreferuta tagħmel ukoll it-traineeships aktar aċċessibbli għal trainees minn gruppi vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabbiltà.

L-għażla ppreferuta hija mistennija għib **benefiċċji ekonomiċi għall-fornituri tat-traineeships** li se jgawdu minn kompetizzjoni tas-suq aktar ġusta. Barra minn hekk, l-impjegaturi jibbenefikaw minn kisbiet fil-produttività u l-kompetittività minħabba forza tax-xogħol b'aktar hili. Benefiċċji addizzjonali jiġu minn tqabbil imtejjeb fis-suq tax-xogħol u rati ogħla ta' żamma li jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tat-tiftix, it-tqabbil u r-reklutaġġ tal-impjegaturi. Il-fornituri tat-traineeships jibbenefikaw ukoll minn riżerva usa' u aktar varjata ta' kandidati.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

Il-kostijiet ewlenin tal-għażla ppreferuta huma relatati ma' żieda possibbli fil-kostijiet lavorattivi u fil-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji u fil-penali. Dawn japplikaw biss għall-fornituri ta' traineeships fejn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet jidentifikaw traineeships problematiċi u dawk li joffru traineeships ta' kwalità baxxa. Dan jimplika wkoll xi kostijiet biex isir aġġustament għad-dispożizzjonijiet il-ġodda u biex tiġi pprovduta (fuq talba) informazzjoni dwar it-trainees u l-kuntratti tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti.

Xi partijiet ikkonċernati kienu mħassba li dawn il-kostijiet jistgħu jnaqqsu l-offerta ta' traineeships, speċjalment traineeships imħallsa. Il-maġġoranza ta' dawn it-traineeships potenzjalment mitlufa x'aktarx li jkunu traineeships problematiċi u/jew ta' kwalità baxxa, li jikkorrispondu għall-għan tal-inizjattiva. L-effett fuq it-tnaqqis ta' traineeships imħallsa huwa mistenni jkun żgħir, minħabba l-benefiċċji għall-fornituri ta' traineeships, ix-xejriet demografiċi u s-swieq tax-xogħol stretti.

Kif se jintlaqtu l-intrapriżi u l-SMEs?

L-SMEs se jgawdu minn riżerva akbar ta' trainees u kundizzjonijiet ekwi aħjar, li jgħinu l-kompetittività tagħhom.

Ser ikun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet nazzjonali jsiru aktar effettivi fl-identifikazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol li taparsi jkunu traineeships u fil-ġlieda kontribom. Impatt pożittiv fuq il-baġits pubbliċi jiġi minn żieda fid-dħul mit-taxxa u s-sigurtà soċjali, minn multi imposti u mit-tnaqqis fl-infiq fuq il-protezzjoni soċjali u l-attivazzjoni. Is-sorsi ewlenin tal-kostijiet jirriżultaw mill-implimentazzjoni fl-oqfsa regolatorji nazzjonali, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ta' spezzjoni u l-istabbiliment ta' kanali ta' rapportar. Jista' jiġi osservat impatt negattiv żgħir fuq il-baġit jekk il-fornituri tat-traineeships jiddeċiedu li jnaqqsu l-għadd totali ta' pożizzjonijiet imħallsa.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-għażla ppreferuta hija mistennija jkollha impatt pożittiv qawwi fuq l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali fl-UE.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Id-Direttiva se tiġi evalwata ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, wara perjodu ta' traspożizzjoni ta' sentejn, u r-Rakkomandazzjoni fi żmien tliet snin wara l-adozzjoni tagħha.